MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 1294/1999/1

**Maltacom p.l.c.**

**v.**

**Carmelo Falzon**

**[*sub nom. etiam*   Carmelo Falzon u martu**
**MaryAnne *sive* Annie Falzon**

**v.**

**Maltacom p.l.c.]**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Jigi qabel xejn ipprecizat li l-appell prezenti, ad istanza tal-konvenut Carmelo Falzon, huwa intimament konness ma’ decizjoni antecedenti, moghtija wkoll mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet: “**Carmelo Falzon u martu MaryAnne sive Annie Falzon v. Maltacom p.l.c.**” (Citazzjoni numru 1294/99), moghtija fit-12 ta’ Marzu 2002, liema decizjoni *<u>in</u> <u>parte</u>*, li ma gietx appellata u li ghalhekk illum ghaddiet in gudikat, iddecidiet hekk:
“Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li thassar is-sentenza moghtija fid-19 ta’ Novembru 1998 fl-atti tac-citazzjoni 1910/1997 fl-ismijiet **<u>Maltacom plc v. Carmelo Falzon</u>**, tordna illi dik il-kawza tinstema’ mill-gdid.”

2. Fil-fatt dik l-istess Qorti, kif presjeduta, li tat id-decizjoni surreferita fit-12 ta’ Marzu 2002, ghaddiet in segwitu biex tisma’ *<u>de</u> <u>novo</u>* il-kawza in kwistjoni u ddeciedietha effettivament fid-9 ta’ Jannar 2004 in kwantu rriteniet hekk:
“Il-Qorti ghalhekk taqta’ l-kawza billi, wara li tilqa’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili safejn din tolqot il-hlasijiet li kellhom isiru qabel is-27 ta’ Awissu 1992, u tichadha dwar il-hlasijiet li kellhom isiru wara, u tichad ukoll l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut, tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici elfejn u erbgha u tmenin lira u tmienja u tletin centezmu (Lm2,048.38c), flimkien ma’ l-imghax mis-27 ta’ Awissu 1997.

L-ispejjez jinqasmu hekk: parti minn tlieta ($^{1}/_{3}$) thallashom is-socjeta` attrici, u zewg partijiet minn tlieta ($^{2}/_{3}$) ihallashom il-konvenut”.

Dan ghamlitu wara li dik il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Din is-sentenza qiegħda tingħata f’kawża li nstemgħet mill-ġdid wara li talba għal ritrattazzjoni ntlaqgħet b’sentenza mogħtija fit-12 ta’ Marzu 2002 fl-atti taċ-ċitazzjoni numru 1294/1999.

"Iċ-ċitazzjoni li biha nfetħet il-kawża li nstemgħet mill-ġdid tgħid illi s-soċjetà (dak iż-żmien korporazzjoni) attriċi kienet fuq talba tal-konvenut qiegħdet is-servizz tat-*telephone* bin-numru 435517 (li qabel kien 499563) fil-fond *Julie Ann*, Triq Stefano Erardi, Ħal Lija, u l-konvenut kien intrabat li jħallas għas-servizz skond it-tariffi fis-seħħ minn żmien għal żmien. Il-konvenut issa għandu jagħti lill-attriċi tlitt elef mija u tnejn u għoxrin lira u erbgħa u sittin ċenteżmu (Lm3,122.64) għall-użu, għall-kera tal-linja, bħala taxxa fuq il-valur miżjud fuq parti mill-kera, u għall-ispejjeż tat-tqegħid tal-linja. Billi għalxejn kemm-il darba sejħet lill-konvenut biex iħallas, l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas tlitt elef mija u tnejn u għoxrin lira u erbgħa u sittin ċenteżmu (Lm3,122.64) flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-1 ta' Novembru 1996 u t-taxxa fuq il-valur miżjud fuq id-drittijiet professjonali.
"Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. il-pretensjoni tas-soċjetà attriċi tolqot il-komunjoni ta' l-akkwisti u għalhekk tonqos l-integrità tal-ġudizzju, billi l-konvenut huwa miżżewweġ lil MaryAnne Falzon;

2. fuq id-dokument esebit mis-soċjetà attriċi, li tgħid li huwa l-kuntratt bejn il-partijiet, il-konvenut ma jagħrafx il-firma tiegħu, u għalhekk jirriserva l-pożizzjoni tiegħu biex iressaq eċċezzjonijiet ulterjuri wara li jagħmel il-verifika meħtieġa;

3. il-konvenut ma huwiex kontradittur leġittimu għax huwa qatt ma nqeda bil-linja bin-numru 435517 (li qabel kienet 499563) u qatt ma rċieva l-kontijiet relativi; għalhekk ma għandux jagħti lis-soċjetà attriċi;

4. għalhekk ukoll għandu jissejjaħ fil-kawża min tassew qiegħed jinqeda bil-linja; u

5. l-azzjoni waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-art. 2156 tal-Kodiċi Ċivili.

"Mix-xhieda ħareġ illi b'kitba tat-23 ta' Novembru 1987[1] il-konvenut kien ta lil ċertu Edward Abela s-setgħa li f'ismu jiffirma l-kuntratt relativ għas-servizz tat-*telephone* li dwaru saret din il-kawża. Dan Edward Abela kien imbagħad, dakinhar stess, iffirma l-kuntratt mas-soċjetà attriċi dwar il-linja tat-*telephone*[2]. Għalhekk, għalkemm il-kuntratt ma ffirmahx il-konvenut, kien iffirmat f'ismu minn min kellu s-setgħa li jiffirma għalih, u l-kuntratt jorbtu daqslikieku ffirmah hu.

"It-tieni eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

"Is-servizz, għalkemm fuq isem il-konvenut, tqiegħed u ngħata f'fond li l-konvenut kien jikri lil terzi. Għalkemm kienu dawn it-terzi li kienu jinqdew bil-linja, madankollu l-kuntratt mal-konvenut kien sar, u għalhekk huwa l-konvenut li, skond il-kuntratt, għandu jħallas għas-servizz, ladarba l-kuntratt sar miegħu u mhux ma' terzi. Il-fatt li l-konvenut qatt ma rċieva kontijiet dwar din il-linja ma hux relevanti għax il-kontijiet, ladarba ma ngħatax indirizz ieħor fejn kellhom jintbagħtu, kienu jintbagħtu fil-fond fejn kienet tqiegħdet il-linja, li kien f'idejn terzi.

"It-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet huma wkoll, għalhekk, miċħuda.

"Il-ftehim dwar it-tqegħed u kiri ta' servizz ta' *telephone* ma hux wieħed mill-atti ta' amministrazzjoni straordinarja msemmija fl-art. 1322(3) tal-Kodiċi Ċivili; għalhekk, skond l-art. 1322(1) tal-Kodiċi Ċivili, kull waħda mill-partijiet miżżewġa setgħet tkun imħarrka dwaru, u ma hux meħtieġ li mart il-konvenut tkun parti fil-kawża.

"L-ewwel eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

---

1 *Fol.* 50 fl-atti ta`-`itazzjoni 1294/1999.

2 *Fol.* 4 fl-atti ta`-`itazzjoni 1910/1997.

"Fadal l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili, li hija l-preskrizzjoni li tolqot talba għall-ħlas għas-servizz tat-*telephone*[3].

"Is-servizzi li s-soċjetà attriċi qiegħda titlob ħlas għalihom ingħataw fi żmien bejn Diċembru ta' l-1987 u Diċembru ta' l-1995.

"Is-soċjetà attriċi tgħid illi kien hemm ksur tal-preskrizzjoni bl-ittra uffiċjali ta' l-1 ta' Novembru 1996. Madankollu, għalkemm is-soċjetà attriċi ntrabtet, fis-seduta tat-3 t'April 2003[4], li tesebixxi kopja ta' din l-ittra, il-kopja baqgħet ma nġibitx u, fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, is-soċjetà attriċi stqarret illi l-ittra ma nstabitx fir-reġistru ta' din il-qorti.

"Għalhekk, l-ewwel att ta' ksur ta' preskrizzjoni kien iċ-ċitazzjoni numru 1910 ta' l-1997, ippreżentata fis-27 t'Awissu 1997.

"Il-konvenut igħid illi b'dik iċ-ċitazzjoni ma nkisritx il-preskrizzjoni għax is-sentenza mogħtija f'dik il-kawża kienet tħassret bis-sentenza *in rescindendo* tat-12 ta' Marzu 2002.

"Dwar il-ksur ta' preskrizzjoni bis-saħħa ta' att ġudizzjarju li, bħal ċitazzjoni, huwa wkoll talba ġudizzjarja, l-artt. 2131 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili jgħidu hekk:

**2131.** Il-preskrizzjoni tinkiser b'talba ġudizzjarja, ukoll jekk din it-talba ma tkunx ġiet innotifikata lill-konvenut minħabba li jkun nieqes minn Malta jew għal xi raġuni tajba oħra, basta li l-attur jissokta l-kawża kontra kuratur maħtur mill-qorti, bil-mod li jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura ¬ivili, u jieħu sentenza fuq dik it-talba.

---

3 Ara ***Maltacom p.l.c. versus Fenech Oil and Petroleum Company Limited***, Qorti ta' l-Appell, 10 t'Ottubru 2003.

4 *Fol.* 49 fl-atti ta`-`itazzjoni 1294/1999.

**2132.** (1) Il-ksur tal-preskrizzjoni magħmul b'talba ġudizzjarja jitqies bħallikieku ma sarx, jekk l-attur jirrinunzja għat-talba, jew jekk il-kawża tibqa' deżerta, jew jekk it-talba tiġi miċħuda.

"Fil-każ tal-lum iċ-ċitazzjoni kienet, eventwalment, notifikata lill-konvenut, tant illi dan ressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu għaliha, u la kien hemm rinunzja għat-talba, la kien hemm deżerzjoni u lanqas ma kienet it-talba miċħuda minn din il-qorti. Għalhekk, il-preskrizzjoni nkisret bil-preżentata taċ-ċitazzjoni numru 1910/1997 fis-27 t'Awissu 1997, u tintlaqat bil-preskrizzjoni dik il-parti tat-talba li hija għal servizz li ngħata qabel is-27 ta'Awissu 1992."

**L-APPELL TAL-KONVENUT**

2.1. Il-konvenut Falzon hassu aggravat bis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 2004 u interpona appell minnha ghal fini tar-revoka taghha.

2.2. L-aggravji tal-konvenut huma fil-qosor dawn li gejjin:
(a) illi l-preskrizzjoni ma nkissritx la darba kien hemm ordnata ritrattazzjoni mal-prezentata tac-citazzjoni originali;

(b) illi dwar l-imghax dan m'ghandux jiddekorri mis-27 ta' Awissu 1997 izda mill-mument illi huwa realment gie mqieghed *in mora*;

(c) illi dwar l-ispejjez, huwa ma ghandux ibati spejjez ta' ritrattazzjoni ghaliex ma jahti xejn, anzi ghandhom jigu attribwiti parti mill-ispejjez lill-attrici tal-process *in rescindendo*.

**IR-RISPOSTA TAS-SOCJETA` MALTACOM PLC.**

3. L-appellata wiegbet li s-sentenza appellata hija wahda gusta u jisthoqqilha konferma.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. Is-socjeta` appellata kienet harrket lill-konvenut u otteniet sentenza kontra tieghu. Il-konvenut talab li din il-

kawza tigi ritrattata, liema talba intlaqghet fit-12 ta' Marzu 2002 u l-ewwel kawza nqatghet mill-gdid fid-9 ta' Jannar 2004 u dana l-appell jirrigwarda din is-sentenza. Il-konvenut ghadu jikkontendi li m'ghandu jaghti xejn bhala hlas in konnessjoni mal-linja tat-telefon numru 435517, ghaliex ukoll kull azzjoni relativa hija preskritta skond l-artiklu 2156 tal-Kodici Civili.

5. Tajjeb li jinghad ukoll li mix-xiehda akkwizita rrizulta *inter alia* li l-konvenut kien biddel r-residenza tieghu u meta mar fil-post il-gdid huwa applika u ottjena linja tat-telefon gdida b'numru differenti, minghajr pero` ma avza xejn lis-socjeta` appellata dwar x'kellu jigri mil-linja telefonika l-ohra fil-fond l-iehor. Fl-istess waqt, u dan kien il-meritu veru tal-kawza l-ohra, irrizulta li l-fond l-iehor gie mikri lil terz. Billi l-inkwilin, persuna ta' nazzjonalita` barranija, ried is-servizz tat-telefonija, huwa talab li jinghata tali servizz izda billi l-fond kien proprjeta` tal-konvenut il-kuntratt relativ htieglu jinhareg fuq isem il-konvenut. Billi kien imhabbat, il-konvenut hatar prokuratur specjali biex jagixxi f'ismu (i.e. f'isem il-konvenut) lil certu Edward Abela. Dakinhar stess li saret din il-prokura, gie ffirmat il-kuntratt relattiv mas-socjeta` appellata dwar il-linja tat-telefon numru 435517 (qabel in-numru kien 499563). Mid-dehra, l-inkwilin kien jaghmel uzu minn dan it-telefon minghajr ma jhallas. Is-socjeta` appellata baqghet tohrog il-kontijiet fuq isem il-konvenut fuq l-indirizz antik tieghu, ghadda z-zmien, u fl-ahhar hadet azzjoni kontrieh biex tithallas. It-tahrika nharget fuq l-indirizz antik, jigifieri "Charlann", Marku Falzon Street, Birkirkara. Stranament fuq ir-riferta pozittiva gie indikat li l-att tac-citazzjoni kien gie notifikat debitament lill-konvenut billi thalliet kopja lil xi hadd li jismu "Najeit Falzon, it-tifla" izda l-konvenut dejjem insista li huwa qatt ma gie a konoxxenza ta' tali notifika. Issa ghandu jkun ovvju ili li kieku l-konvenut ha l-briga li jinforma mill-bidunett lis-socjeta` appellata bil-fatt li huwa kien mar joqghod band'ohra u li kieku s-socjeta` attrici gharrfet tikkontrolla ahjar il-veradicita` dwar minn sewwa sew ircieva l-att tac-citazzjoni originarjament, din il-vertenza zgur ma kenitx tikkomplika ruhha talment li sahansitra spiccat biex kellha tigi ritrattata. Dan qieghed ukoll

jinghad ghar-raguni li l-konvenut lanqas ma ghandu ghalfejn jibqa’ jinsisti u jippretendi li huwa ma kien jahti xejn ghall-fatt li n-notifika saret fl-ewwel indirizz tieghu. Originarjament, kien in-nuqqas tieghu illi jinforma lis-socjeta` attrici li ta lok ghad-dizgwid li nqala’ in segwitu.

6. Il-konvenut appellant jissottometti li l-preskrizzjoni kwinkennali baqghet ma nkissritx la darba kien hemm ordnata ritrattazzjoni mal-prezentata tac-citazzjoni originali u dan in konsegwenza ta’ nuqqas ta’ notifika. La giet imhassra u annullata s-sentenza ghax gie ppronunzjat mill-ewwel Qorti li kien hemm “vizzju fil-process” allura kellu jsegwi, dejjem skond l-appellant, li ma jistax jitqies li tezisti raguni tajba fis-sens ta’ l-artikolu 2131 tal-Kap. 16. Dan ghaliex hija l-Qorti stess li awtorevolment warrbet dak li sar u ghalhekk “ikun kontradittorju illi l-Qorti tattribwixxi sens u valenza guridika ghal dak li hija stess qed tghid li ma jiswiex ghaliex ma sarx skond ir-rit”.

7. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li dan il-punt gia` gie sollevat quddiem l-ewwel Qorti pero` jirrizulta, korrettement fil-fehma ta’ din il-Qorti, li gie michud. L-ewwel Qorti, wara li ghamlet riferenza ghall-artikoli 2131 u 2132(1) tal-Kap. 16 kompliet telabora hekk:
“Fil-kaz tal-lum ic-citazzjoni kienet, eventwalment, notifikata lill-konvenut, tant illi dan ressaq l-eccezzjonijiet tieghu ghaliha, u la kien hemm rinunzja ghat-talba, la kien hemm dezerzjoni u lanqas ma kienet it-talba michuda minn din il-Qorti. Ghalhekk, il-preskrizzjoni nkisret bil-prezentata tac-citazzjoni numru 1910/1997 fis-27 ta’ Awissu 1997, u tintlaqat bil-preskrizzjoni dik il-parti tat-talba li hija ghal servizz li nghata qabel is-27 ta’ Awissu 1992”.

Fil-fatt, l-ewwel Qorti, in assenza tal-produzzjoni ta’ ittra ufficjali li l-parti attrtici tallega li kienet ukoll inbaghtet, kellha l-okkazjoni li tiddikjara parti mit-talba bhala li kienet preskritta. Mill-bqija pero` l-ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet li l-perijodu preskrittiv gie tassew interrott bil-prezentata ta’ l-att tac-citazzjoni, u dana indipendentement min-notifika tieghu. Dan il-punt kien gie deciz precedentement minn din il-Qorti, kif diversament

komposta, fil-kawza fl-ismijiet: David Agius v. l-Onor. Dr. Alfred Sant et (Citazzjoni Numru 303/88) deciza fid-29 ta' Mejju 1991 fejn gie affermat *inter alia* hekk:
"Ghandu jigi osservat illi filwaqt li l-att gudizzjarju li jinterrompi l-preskrizzjoni jigi nnotifikat fi zmien xahar li jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni – art. 2130(1) tal-Kap. 16 – ebda zmien ma huwa stipulat ghan-notifika tat-talba gudizzjarja, li jsemmi l-Artikolu 2131, Kap. 16. Kull ma trid il-ligi huwa li l-kreditur jippersegwixxi u jippersevera, fl-azzjoni minnu intrapriza – art. 2132 tal-Kap. 16….."

8. Tajjeb li jinghad ukoll li meta l-ewwel Qorti ghaddiet biex tilqa' t-talba tal-konvenut *in rescindendo*, dik il-Qorti kienet gia` indulgenti hafna ma' l-istess konvenut ghaliex wara kollox is-socjeta` appellata kienet originarjament agixxiet kontrieh billi ghamlet uzu minn indirizz moghti lilha mill-istess konvenut biex tinnotifikah bl-att tac-citazzjoni *de quo* u *in oltre* fuq ir-riferta originali hemm imnizzel li l-att thalla f'dana l-indirizz f'idejn "Najiet Falzon it-tifla". Kien in-nuqqas sussegwenti da parti ta' l-istess socjeta` milli ttella' lil din il-persuna indikata bhala "it-tifla" tal-konvenut, ghal fini ta' konferma, li finalment wassal biex tigi mhassra n-notifika minhabba invalidita`. Kien ukoll biss wara li l-konvenut iddikjara bil-gurament li nel frattemp kien mar jirrisjedi band'ohra li ottjena l-possibbilita` ta' ritrattazzjoni. Izda l-prezentata ta' l-att tac-citazzjoni saret validament u kienet il-prezentata ta' din it-talba li effettivament interrompiet il-preskrizzjoni. Jirrizulta wkoll li din ic-citazzjoni giet ipprezentata fis-27 ta' Awissu 1997, iffirmata in segwitu mill-Imhallef ghal fini ta' notifika fis-6 ta' April 1998, imhollija ghas-smiegh ghas-seduta tas-27 ta' Mejju 1998 u ggib riferta datata it-8 ta' Mejju 1998. Fil-fehma tal-Qorti, il-preskrizzjoni f'dan il-kaz giet interrotta fis-27 ta' Awissu 1997 u ghalhekk isegwi li l-ewwel Qorti ddecidiet dwarha b'mod korrett u ghalhekk l-ewwel aggravju huwa infondat u qieghed jigi respint.

9. It-tieni aggravju ghandu x'jaqsam mal-hlas ta' imghaxijiet li skond l-appellanti "dan m'ghandux jiddekorri mis-27 ta' Awissu 1997 izda mill-mument illi huwa realment gie mqieghed *in mora*".

Frankament, dan it-tieni aggravju jirrazenta l-fierah ghaliex jidher car li fl-att tac-citazzjoni jissemmew espressament il-kliem “bl-imghax legali”. Ghaldaqstant, ta’ lanqas, mill-mument li s-socjeta` appellata intavolat l-att tac-citazzjoni kontra l-appellant, jigifieri fis-27 ta’ Awissu 1997, u fih talbet hlas ta’ interessi, certament ghandu jsegwi li almenu minn dakinhar kienu dovuti interessi fuq is-sorte, talvolta li t-talba attrici kellha tigi milqugha. Ghalhekk dan it-tieni aggravju, bhal ta’ qablu, qieghed jigi respint.

10. Dwar l-ispejjez gudizzjarji, il-konvenut ressaq l-aggravju fis-sens li huwa ma kellux ibati spejjez ta’ ritrattazzjoni ghaliex ma jahti xejn, anzi ghandhom jigu attribwiti almenu parti mill-ispejjez lill-attrici tal-process *in rescindendo*. Tajjeb qabel xejn jigi rilevat li minkejja l-fatt li l-ewwel Qorti kienet iddikjarat parti mis-sorte reklamati kienu preskritti, finalment hija ddecidiet billi qassmet l-ispejjez hekk: parti minn tlieta ($^{1}/_{3}$) thallashom is-socjeta` attrici, u zewg partijiet minn tlieta ($^{2}/_{3}$) jhallashom il-konvenut. F’din il-parti tad-decizjoni dwar il-kap ta’ l-ispejjez ma jirrizultax li saret xi alluzjoni specifika ghall-ispejjez inkorsi mill-konvenut ritrattand meta hu u martu inizzjaw dawn il-proceduri b’citazzjoni li huma pprezentaw fl-4 ta’ Gunju 1999. Madankollu, din il-Qorti xorta wahda hija tal-fehma li l-ispartizzjoni tal-kap ta’ l-ispejjez, komprendenti allura l-proceduri kollha li effettivament ittiehdu, ibbazata fuq proporzjon ta’ terza parti ($^{1}/_{3}$) mixhuta fuq l-appellata u zewg terzi ($^{2}/_{3}$) fuq il-konvenut ritrattand u appellant hija wahda ragjonevoli u gusta. Li kieku l-konvenut “a tempo debito” gharraf lis-socjeta` attrici bil-fatt li kien biddel ir-residenza tieghu, ma kienx ikun hemm komplikazzjonijiet ta’ natura procedurali kif inqalghu wara. Ghal dan in-nuqqas il-konvenut ikkontribwixxa wkoll. Maghdud dan il-fatt mal-fatt l-iehor li zewg terzi mill-ammont reklamat mill-appellata kien dovut (u mhux preskritt bhall-bqija ta’ l-ammont mitlub), ghandu jsegwi li proporzjoni ta’ terz u zewg terzi huwa ragjonevoli riferibbilment ghal min ghandu jerfa’ l-piz tal-kapo spese. Ghalhekk ukoll dana l-ahhar aggravju qieghed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt li tikkonferma *in toto* is-sentenza appellata tichad l-appell tal-konvenut b'dana li l-ispejjez relativi ghall-ewwel istanza jibqghu kif hemm decizi, mentri dawk relativi ghal dana l-appell jithallsu interament mill-konvenut appellant Carmelo Falzon.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------